# IL-BIERAĦ U L-LUM

Il-port ta' tas-Sliema li għall-ewwel ma kontx tara fih ħlief tużżana dgħajjes u erba' fregatini, jaqdfu, jibburdjaw jew jistadu, il-lum mimli bħal bajda b'vapuri tal-gwerra żgħar, irmiġġati fuq il-bagi.

Fejn kien qatt ra vapur dal-port ! Xi sittin sena ilu kienu jġibu rmunkata fis-sajf, biċċa tal-gwerra ta' l-injam bi tliet ponti u tliet arbli jisimha "Hibernia" li l-poplu kien igħidilha l-"*Arbanja*". Dan kien ġifen ta' żmien il-qlugħ li kienu qabdu l-Ingliżi fil-gwerra u żammewh hawn Malta bħal depost (depôt ship) fejn kienu jżommu baħrin li minn bastiment kellhom igħaddu għal ieħor.

Din l-Arbanja tkissret hawn fl-1912 wara snin kbar li damet Malta fil-port il-kbir ħdejn Sant'Anġlu. Kienet issebbaħ port, għolja, misbugħa faxx abjad u ieħor iswed, kollha twieqi żgħar mnejn kienu jiffaċċaw xi tmenin kanun. X'għandha x'tagħmel mal-vapuri tal-lum ? Baxxi, dojoq, donnhom kċejjen tal-ħadid, dejjem idaħħnu u jħammġu d-djar ma' dwar il-port kollu u l-baħar madwarhom biż-żejt tal-magni tagħhom. Hwejjeġ meħtieġa, nifhem, imma wieħed ma jagħmilx dnub billi jgħid li dak li għadda kien isbaħ minn dak tal-lum !

Il-lum ukoll tas-Sliema mżiegħda bil-karrozzini u bil-motors: dawk l-imbierka karrozzi tan-nar li jfiġġu fuqek bħal għeħiered. Sittin sena ilu ma kienx hawn ħlief xi tużżana kaxex li kienu donnhom qiegħ ta' kaless. Kxiexet baxxi, tawwalin, bank kull naħa għal tnejn min-nies. Jinfetħu minn wara bil-bieba. Biex kont titla' fuqhom trid parank, għax ir-roti kienu għoljin. Dak li jsuq kien jirkeb fuq is-salib wara ż-żiemel armat f'żewġ lasti twal. Il-fus tar-roti kien idur fil-wiċċ tal-kaxxa, miskin hu min jagħmel sieqú fuqu hija u miexja l-kaxxa. Riħ, xita, xemx kollox fuqek, għad li fl-aħħar waħħlu erba' lasti bħal baldakkin bil-purtieri taċ-ċraret iperpru. Kont tinżel minn fuqhom b'dahrek imkisser u b'dan kollu kont tifraħ mita dak li jsuq kien jiġi bil-frosta f'wiċċek u jgħidlek: "*Kaxxa mgħallem, indawwar għalik* ? Mur ġibhom il-lum !

(Minn *Tas-Sliema u San Ġiljan*—1930)